# Q O R T I  Ċ I V I L I

## (Sezzjoni tal-Familja)

**ONOR. IMĦALLEF**

**ROBERT G. MANGION**

**Illum 31 ta' Ottubru 2018**

Rikors Nru.  200/2017 RGM

Kawza fil-lista: 10

**A B C.**

**Vs**

**D C**

**Il-Qorti,**

**PREAMBOLU**

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attrici li permezz tieghu ppermettiet u tallbet is-segwenti:-

1. Illi l-partijiet izzewgu nhar l-erbgha t'Awwissu tas-sena elf, disa' mija u hamsa u tmenin (04.08.1985);

2. Illi miz-zwieg taghhom twieldu zewgt itfal, Maria li twieldet nhar l-erbgha u ghoxrin t'Awwissu tas-sena elf, disa' mija u disgha u tmenin (24.08.1989) u Josmar li twieled fit-tmintax ta' frar tas-sena elf, disa' mija u tnejn u disghin (18.02.1992);

3. Illi z-zwieg tal-partijiet tkisser b'mod irrimedjabbli wara li l-konvenut rrenda ruhu hati ta' eccessi, sevizzi, ingurji gravi, adulterju, u theddid fil-konfront ta' martu, anke b'konsegwenza tal-vizzju tax-xorb li huwa ghandu, li rrendew il-hajja konjugali impossibbli; u dank if certament ser jigi ppruvat ampjament fil-mori tal-kawza;

4. Illi minkejja divesri tentattivi ghal separazzjoni konsenswali, stante li l-konvenut naqas milli jattendi ghas-seduti ta' medjazzjoni, ma setghet qatt tigi esplorata l-possibilita` ta' separazzjoni konsenswali u ghalhekk l-esponenti ma kellha l-ebda ghazla ohra ghajr li tintavola l-proceduri odjerni;

5. Illi l-esponenti giet awtorizzata tipprocedi bir-rikors guramentat permezz ta' digriet datat tmienja t'Awwissu tas-sena elfejn u sbatax (08.08.2017);

**Jghid ghalhekk il-konvenut, ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:**

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti, ghar-ragunijiet gravi u tortijiet imputabbli esklussivament lill-konvenut fosthom eccessi, sevizzi, ingurji gravi, adulterju, u theddid fil-konfront ta' martu, anke b'konsegwenza tal-vizzju tax-xorb li huwa ghandu; konsegwenza ta' liema z-zwieg tkisser irrimmedjabbilment;

2. Tiffissa manteniment ghar-rikorrenti skont il-bzonnijiet taghha, b'dawk il-modalitajiet kollha tal-pagament, inkluz provvediment ghaz-zieda perjodika biex taghmel tajjeb ghall-gholi tal-hajja. Filwaqt li tiddikjara illi bl-agir tieghu l-

konvenut iddekada minn kull dritt li jitlob ghall-manteniment minghand martu r-rikorrenti;

3. Tordna li l-manteniment li ser jigi likwidat ghar-rikorrenti jigi mnaqqas direttamnet mis-salarju jew qligh tal-intimat, mill-impjieg jew xoghol li huwa ghandu jew jista' jkollu, jew minn kwalsiasi beneficcji socjali li huwa jista' jkun qed jircievi minn zmien ghal zmien;

4. Ixxolji u tittermina l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet u tillikwida l-istess b'mod li jigu stabbiliti porzjonijiet in divizjoni u assenjati lill-partijiet u, billi wkoll tigi stabbilita` data minn meta l-konvenut jitqies li ddekada minn kull akkwist maghmul bix-xoghol u bil-hila tar-rikorrenti, u dan kollu okkorrendo bl-operat ta' periti nominandi u bin-nomina ta' nutar sabiex jippublika l-att opportun u ta' kuratur biex jirrapprezenta lill-konvenut fl-eventwali kontumacja fuq l-istess att;

5. Tassenja lir-rikorrenti d-dar matrimonjali fl-indirizz sebghin (70) Summer Vale Court B, Flat numru wiehed (1), fi Triq tal-Buttar, Marsascala u f'kaz li dina l-Onorabbli Qorti ma tilqax din it-talba, tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tghix esklussivament fil-fond matrimonjali vita durante, ad esklussjoni tar-ragel konvenut;

6. Tassenja lir-rikorrenti l-polza mizmuma mal-MSV life bin-numru 2016A (MSV Personal Pension Plan) with Profits u tiddikjara u tiddeciedi illi kull pagament li sar fil-mori tal-istess polza, ma jkunx rifondibbli lill-konvenut;

7. Tiddividi l-gid iehor komuni tal-kontendenti mhux formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti;

8. Tordna lill-konvenut sabiex jirrestitwixxi lir-rikorrenti l-beni u krediti parafernali u dotali taghha li ser jirrizultaw waqt il-mori tal-kawza kif ukoll l-ispejjez li saru da parti tal-istess esponenti qabel iz-zwieg, u dan fi zmien qasir u perentorju, li ghandu jigi lilu prefiss minn din il-Qorti u fin-nuqqas li l-konvenut jaghmel dan, tikkundannah ihallas lil esponenti dik is-somma li ghandha tigi hekk likwidata,

okkorrendo bl-opera ta’ periti nominandi, rapprezentanti l-valur tal-beni parafernali sudetti;

9. Tapplika in toto jew in parte kontra l-konvenut l-effetti tad-dispozzjonijiet tal-Artikoli 48 sa 53 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta sa fejn applikabbli, inkluz l-komminjazzjoni li tilef kull dritt li jiret lill-esponenti;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa minn issa ingunt in subizzjoni.

Rat illi l-konvenut gie debitament notifikat[1] izda ma pprezentax risposta guramentata u ghalhekk gie dikjarat kontumaci.

Rat l-affidavit tal-attrici"[2]

Rat l-affidavit ta' Josmar C[3] u ta' Maria C[4].

Semghat ix-xhieda ta' RPC314[5]1, ta' Dr Annalisa Debono[6] in rapprezentanza ta' MSV Life, u ta' Joseph Saliba in rapprezentanza ta' JobPlus[7] fis-seduta tas-7 ta' Frar 2018.

Semghat ix-xhieda ta' Brian Farrugia in rapprezentanza tal-Awtorita' tat-Trasport [8]

---

[1] A tergo fol. 158
[2] Fol. 12
[3] Fol. 31
[4] Fol. 33
[5] Fol. 37
[6] Fol. 39
[7] Fol. 42
[8] Fol. 64

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attrici[9]

Rat l-atti.

Rat li l-kawza tinsab differita ghallum ghas-sentenza.

Ikkonsidrat;

**HTIJA GHAT-TKISSIR TAZ-ZWIEG**.

In tema legalii ssir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet "**Caterina Agius vs Benedict Agius**" deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-13 ta' Gunju 1967 ntqal li: "Il-ligi taghna tqieghed bhala mottivi li jiggustifikaw l-azzjoni, l-episodji saljenti tal-hajja konjugali u mhux incidenti minuri". Fil-kawza fl-ismijiet "**Antonia Mifsud vs Giuseppe Mifsud**" deciza mill-Qorti tal-Appell fil-21 ta' Frar 1969 intqal: "biex jkun hemm mohqrija jehtieg li jkun hemm mhux xi att izolat ta' xi daqqa waqt xi tilwima imma l-persistenza f'certa mgieba hazina li turi li l-konjugi ma jisthux jkomplu jghixu flimkien". Fil-kawza fl-ismijiet "**Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud**" deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Gunju 1961 ntqal: "Certi fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteggjamenti li jistghu jirrendu l-hajja komuni nsopportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bhala sevizzi………Is-swat, mbghad, u l-"vie di fatto" fuq il-mara, li ma humiex tollerabbli fl-ebda grad jew stat socjali, certament jikkostitwixxu eccessi, meta jigu adoperati minghajr ebda motiv ragjonevoli, jew minghajr provokazzjoni".

[9] Fol. 102

Jirrizulta sodisfacentement illi l-konvenut huwa mahkum bil-vizzju tax-xorb. Sew l-attrici kif ukoll iz-zewg uliedha xhedu dwar kif il-vizzju tax-xorb da parti tal-konvenut fuq medda twila ta' snin farrak iz-zwieg tal-partijiet. Jirrakkontaw ukoll illi fi tmiem il-gimgha l-konsum tax-xorb mill-konvenut kien jizdied. Dan kien iwassal ghal episodji ta' vjolenza fuq l-omm. Dawn huma ragunijiet sufficjenti sabiex il-Qorti ssib il-htija fil-konvenut ghat-tkissir taz-zwieg

Dwar il-pretensjoni tal-attrici illi z-zwieg tal-partijiet tkisser ukoll minhabba adulterju da parti tal-konvenut, il-Qorti hi tal-fehma illi din l-allegazzjoni ma gietx ippruvata sodisfacentement. Huwa minnu li l-gurisprudenza fir-rigward hi fis-sens illi fuq l-addebitu tal-adulterju mhux mehtiegg il-prova in flagranza. L-attrici u bintha xhedu illi l-konvenut kien beda jaghmel telefonati tard bil-lejl u li meta jircevi telefonati kien jirrispondi wara li jwarrab minn hdejhom. L-attrici ssemmi wkoll episodju fejn il-konvenut kien irceva kartolina u fuqha kien hemm miktub kliem li jaghtu x'jifhem li kienet intbghatet minn wild iehor tal-konvenut. Ghal dan il-konvenut kien cahad li tali kartolina kienet veritiera u stqarr li xi hadd kien qed jipprova jkissirhom. Il-Qorti ma tqiesx li l-attrici rnexxielha tipprova sodisfacentement l-allegazzjoni taghha li l-konvenut ikkommetta adulterju. Jehtieg illi l-provi fir-rigward u l-indizji jkunu "....gravi, precizi u konkordanti b'mod li ma jhallu ebda dubbju f'min ghandu jiggudika" ["**Rosina C vs Angelo C** - PA - 27.06.1964]. Il-kartolina minghajr l-ebda prova ulterjuri m'ghandha l-ebda valur probatorju. It-telefonali minghajr l-ebda prova dwar min kien ir-ricevitur ta' tali telefonati ma joholqux fil-gudikant dak il-konvinciment morali necessarju li l-adulterju gie kommess. Ghalhekk din l-allegazzjoni qed tigi respinta.

Ghalhekk il-Qorti tqis illi ghat-tkissir taz-zwieg jahti unikament il-konvenut.

Il-gravita' tar-responsabbilta' li l-Qorti qed issib fir-rigward tat-tkissir taz-zwieg hi raguni sufficjenti sabiex il-Qorti tapplika fil-konfront tal-konvenut il-penalitajiet u s-sanzjonijiet kollha kontemplati fl-Artikolu 48 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

**KOMUNJONI TAL-AKKWISTI**.

Jirrizulta illi il-fond matrimonjali 70, Summervale Court B, Flat 1, Triq tal-Buttar, Marsascala jappartjeni l-komunjoni stante li inxtara matul iz-zwieg.

Fin-nota ta' osservazzjonijiet taghha l-attrici ddikjarat li qed tirrinunzja ghat-talba precedenti taghha sabiex tigi assenjata l-istess fond jew li tigi awtorizzata tibqa' tirrisjedi fih vita durante. Qeghda titlob li l-fond jinbiegh fis-suq liberu ghall-prezz ta' mija u sebghin elf ewro (€170,000).

Il-Qorti tqis it-talba gustifikata u tordna li l-fond jitpogga ghall-bejgh fis-suq liberu ghas-somma ta' mija u sebghin elf ewro. F'kaz jinstab il-bejgh b'dan il-prezz u l-konvenut jonqos milli jidher ghall-konvenju u/jew kuntratt, il-Qorti ser tinnomina kuratur deputat sabiex jirraprezenta lill-konvenut fuq il-konvenju u fuq il-kuntratt.

Mir-rikavat tal-bejgh l-ewwel ghandu jithallas id-dejn relatat mal-fond de quo u cioe' l-home loan u premium tal-assikurazzjoni. Sussegwentement l-attrici ghandha tippercepixxi l-ammonti li hija hallset bhala pagamenti lill-bank u lill-assikurazzjoni imhallsa tul dawn l-ahhar sentejn kif ukoll l-ammonti li hija tkun hallset minn issa 'l quddiem sad-data tal-bejgh kif ukoll l-ispiza li hallset l-attrici bhala regularization fee lill-Planning Authority (fol. 112).

Tassenja lill-attrici esklussivament il-polza ta' assikurazzjoni mizmuma mal-MSV Life bin-numru FP507798 u dan peress li l-attrici wahedha hadet hsieb thallas il-premia relativi.

Dwar il-vetturi li jinsabu jew li kienu registrati f'isem il-konvenut, il-Qorti qed tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' elf ewro (€1,000) rapprezentanti sehemha mill-imsemmija vetturi.

Dwar il-mobbli il-Qorti tordna li dawn jigu assenjati skond kif talbet l-attrici f'paragrafu 4 a fol. 109 tan-nota tal-attrici.

Dwar proprjeta' parafernali jirrizulta li hadd mill-partijiet ma jipposjedi proprjeta' parafernali tal-parti l-ohra.

**Manteniment**.

Fil-present l-attrici tahdem full-time u ghandha salarju. Ghalhekk ma jirrizultawx l-estremi sabiex il-konvenut jigi kkundannat ihallas manteniment lill-attrici. Ser jibqa' rizervat lilha id-dritt li tfittex ghall-manteniment minghand zewgha fl-eventwalita' li tispicca minghajr impieg full-time.

**DECIDE.**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi fil-kontumacja tal-konvenut.

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti, ghar-ragunijiet imputabbli esklussivament lill-konvenut fosthom eccessi, sevizzi,u ingurji gravi, fil-konfront ta' martu.

2. Tichad in parte t-tieni talba attrici fejn talbet il-manteniment ghaliha b'dan illi qed jibqa' lilha rizervat id-dritt li tfittex lill-konvenut ghall-manteniment fl-eventwalita' illi titlef l-impieg full-time. Tilqa' in parte it-tieni talba u tiddikjara illi bl-agir tieghu l-konvenut iddekada minn kull dritt li jitlob ghall-manteniment minghand martu r-rikorrenti;

3. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet talba.

4. Tilqa' r-raba' talba attrici u xxolji u tittermina l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet u tillikwida l-istess bil-mod kif deskritt supra taht l-intestatura "Komunjoni tal-Akkwisti" u tinnomina lill-Avukat Dr Anna Mallia bhala kuratur deputat sabiex tirraprezenta lill-konvenut fl-eventwalita' li jonqos milli jidher ghall-konvenju u/jew kuntratt ta' bejgh tal-fond matrimonjali.

5. Tichad il-hames talba attrici.

6. Tilqa' s-sitt talba attrici u tassenja lir-rikorrenti l-polza mizmuma mal-MSV life bin-numru 2016A (MSV Personal Pension Plan) with Profits u tiddikjara u tiddeciedi illi kull pagament li sar fil-mori tal-istess polza, ma jkunx rifondibbli lill-konvenut;

7. Dwar is-seba talba tiddikjara illi ma rrizultawx mill-provi mressqa li hemm beni parafernali ta' xi parti fil-pussess tal-parti l-ohra.

8. Tichad it-tmien talba attrici.

9. Tilqa' d-disa' talba attrici u tapplika in toto kontra l-konvenut l-effetti tad-dispozzjonijiet tal-Artikolu 48 inkluz il-komminjazzjoni li jitlef jiret lill-attrici.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

| | |
|---|---|
| **Onor. Robert G. Mangion** | **Lydia Ellul** |
| **Imhallef** | **Deputat Registratur** |